10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 15**

**14 ta' Jannar 2025**

Il-laqgħa numru 15 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-13 ta' Jannar 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda tas-Sa Roberta Sultana.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

### 2.1 Korrezzjonijiet

Ma kien hemm xejn

### 2.2 Mistoqsijiet fuq il-minuti

Punt 4.2: Joe Vella saqsa liema Bay kien qed jiġi referut. Is-Sindku wieġeb li din saret applikazzjoni għal bay ġdida.

Punt 4.5: Joe Vella xtaq li sindku jfakkar għal xiex kienu ser jintuzaw il-flus. Is-Sindku informa li bħalma kien ġie deċiż qabel, il-flus ser jintefqu fuq il-car stoppers taħt l-akwedot kif ukoll il-fanali għal triq il-ġdida.

Punt 4.6: Joe Vella saqsa liema kien il-mużew li ġie diskuss. Is-Sindku wieġeb li fil-konservatorju kien hemm mużew tal-għodda u li kien qed jirreferi għal dak.

## 3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 429, u Petty Cash

L-Iskeda tal-pagamenti 429, mal-petty cash kienu approvati unanimament. Kien hemm dawn il-mistoqsijiet:

| | |
|---|---|
| Item 1060 | Joe Vella saqsa għal dan il-pagament kien daqshekk għoli u fuq xiex kienu l-pjanti? Is- |

| | |
|---|---|
| | Sindku spjega li dawn kienu l-pjanti ta' Pjazza Franka għal proġett Vjal Kulħadd. Il-perit bħala ħlas għandu persentaġġ mill-valur tal-proġett |
| Item 1100 | Joe Vella saqsa għal xix intużaw dawn. Is-Sindku spjega li kien hemm nies li ħadmu waqt Betlehem f'Santa Venera kif ukoll xi artisti li saqsew għal refreshements. Fost dawn kien hemm il-Grupp Tal-Fuklar u l-banda. |
| Item 1125 | Joe Vella xtaq jiġbed l-attenzjoni li important li dawn il-bukketti tal-fjuri jintbgħatu lil kulħadd u mhux jinqabeż xi ħadd. |

Proponent: Darren Grech

Sekondant: Silvio Vella

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**4.1** Is-Sindku spjega li kellu laqgħa mal-On. Byron Camilleri fejn tkellem fuq il-problema tal-petrol station ta' Cassar. L-Onorevoli ta' lis-sindku kuntatt tas-supretendent fejn dan iċċekkja ir-rapporti u informa lil ta' taħtu sabiex din tingħata prijorita'. Ser tkun qed issir ukoll laqgħa pubblika nhar is-6 ta' Frar 2025. Is-Segretarju qed taħdem fuq post fejn din il-laqgħa tkun tista' issir. Ser inkunu qed ninfurmaw il-kunsilliera, kif ukoll il-pulizija, u residenti ta' Triq il-Kukkanja, Triq Carini u Triq il-Kanun, kif ukoll jinħareġ avviż fuq il-medja soċjali.

**4.2** Is-Sindku spjega fuq suġġeriment tas-segretarju jixtieq li bħala kunsill norganizzaw sebgħa visti, f'sebgħa kappelli, ma' sebgħa għaqdiet. Nitkellmu ma entitajiet u l-knisja sabiex jinfetħu l-kappelli tal-lokali. Ġie ssuġġerit ukoll sabiex

jinħolqu mixgħeli fejn hu possibbli u jinħolqu numru ta-'tours' bħala visti. In-nies jistgħu iżuru dawn il-kappelli waħedhom jew mat-tour organizzat. Fuq din is-segretarju se titkellem mal-kappillan sabiex jinħadem programm u wara jiġu nvoluti l-għaqdiet.

**4.3** Is-Sindku spjega li xtaq li jibda proġett fil-Ġnien fuq set ta' statwi għal fuq il-ħamrija li titgawda mill-komunita. Għalhekk xtaq li tinħareġ Espressjoni ta' Interess sabiex issir set ta' statwi tal-Via Sagra li jkunu life size. Dan il-proġett jibda mis-sena dieħla peress li bħalissa qegħdin naqra tard. Għalhekk il-kunsill qabel li tinħareġ espressjoni ta' interess sabiex jibda l-proġett.

Hawnhekk daħal il-Viċi Sindku Stephen Sultana.

**4.4** Is-Sindku qal li tender għal iskema tar-reġjun fuq l-ismart toilets li ħareġ f'Jannar 2024 ġie evalwat imma ma kien allokat lil ħadd peress li ma kien hemm ħadd li mexa' mal-kriterji li ntalbu. Għaldaqstant ser isir xi tibdil u ser jerġa' jinħareġ.

**4.5** Is-Sindku qal li ser jiltaqa' ma min applika għal un/loading sabiex jifhem aħjar x'hemm bżonn.

**4.6** Il-kunsill irċieva talba minn għand il-Mużew tal-Bniet għal 2 bankijiet sabiex jitgawdew mit-tfal. Il-Kunsill ser iġib il-quotes u jitkellem mal-ministeru tal-ambjent.

**4.7** Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għal 2 pedestrian crossings minħabba sit ta' kostruzzjoni li ġiet infurmata mill-planning authority li trid tgħamel dan. Għaldaqstant fuq is-sit ser jintbagħat il-contracts manager fuq il-post.

**4.8** Is-sindku informa li iċ-ċint ta' Triq l-Istampaturi għandu jibda xogħol din il-ġimgħa. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li jsir mural fuq Dun Manwel Gatt u Dun Guze De Piro. Joe saqsa lis-sindku li peress li l-ħajt hu ta' propjetà terza u li hu infurmat li l-kunsill għandu bil-miktub li dan jista' jsir, jaħsibx li l-kunsill ser joħloq

preċedent. Is-Sindku qal li le għax dan il-ħajt ser isir sabiex jinqatgħu l-abbużi kbar li qed ikun hemm. Stephen qal li hu tal-parir li jobbligaw lis-sid jagħmel dan iċ-ċint għax iċ-ċint mhux propjeta' tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dan iċ-ċint qed joħloq inkonvenjent kbir għal komunità u għalhekk għandu jagħmlu l-kunsill.

**4.9** Is-sindku kellu laqgħa mal-IM u preżenta l-pjanti ta' kif inhu pjanat li jiġu l-akwati ta' Triq il-Parata u Triq Emmanuel Attard. Parking ser ikun qed jiżdied u l-mod kif ġie tranġat in-nofs kien ġej tajjeb ħafna.

**4.10** Bħalma intqal qabel ser issir laqgħa pubblika minħabba l-pompa tal-petrol u ser issir oħra fuq il-proġett tat-toroq in-naħa ta' Triq San Ġorġ.

**4.11** Beda xogħol fuq distribuzzjoni u tisħiħ tal-elettriku u għalhekk qed isiru ħafna xogħolijiet f'daqqa. Beda xogħol min-naħa ta' BusyBee li ħa jibqa' sejjer għal Triq il-ward, Triq il-Fawwara u l-madwar. Il-Kunsill qed jibgħat ittra u titwaħħal sticker mal-bibien tal-garaxxijiet filwaqt li l-enemalta qed tibgħat messaġġ.

Triq Vivion ser tkun qed tinqala' kollha u isirilha wiċċ ġdid. IM qed jgħamlu l-investigazzjonijiet meħtieġa sabiex jaraw kif ser tissolva l-problema tal-ilma peress li xi ħadd qalilhom li hemm kien hemm mini tal-ilma taħt l-art fl-antik.

**4.12** Is-sindku qal li sar kuntatt mal-Ministeru tal-artijiet fuq l-art ta Triq Abela, Triq Kanonku Bonnici u Triq Censu Bugeja, u dawn għaddewna għand il-PA. Il-Perit ġie notifikat sabiex jagħmel oġġezzjoni fuq dan ir-re-alignmnet imma l-applikazzjoni kienet għada ma ħarġitx. Għalhekk il-perit infurma lil-ES permess ta' email li irridu nistennew li issir l-applikazzjoni sabiex l-kunsill ikun jista' joġġezzjona.

**4.13** Is-sindku informa li daħal ilment sabiex id-dyl fi triq Qormi ma Triq Patri Franġisk Grech jiżdied bi ftit fil-parti tat-triq li tidjieq. Is-Sindku qal li hu kellem lir-

residenti u dawn kuntenti kif inhi it-triq bħalissa. Hu kien qallhom li f'każ li l-problema tibqa' kienu ser jiġu installati 2 bollards. Pero s'issa ma' kien hemm l-ebda problema.

**4.14** Is-sindku qal li daħal ilment sabiex l-MC bay li hemm fi Triq il-Fawwara jiċċaqlaq ftit għax qed ikun hemm problema ta' ikwartjar. Għaldaqstant kien ser jintbgħat il-contracts manager sabiex jara x'hemm bżonn.

## 5 Tender tad-dawl

Is-Sindku informa li irċieva email mingħand ir-Reġjun Nofsinhar li ir-Reġjun approva l-ħruġ ta' Tender Street Lighting Maintenance bi stima ta' 130,000Euro. Wara diskussjoni, il-kunsill qabel li għalissa ma kienx ser ikun parti minn dan it-Tender.

## 6 Mistoqsija lis-Sindku

Joe Vella kien bagħat mistoqsija lis-Sindku permezz ta' email. Din il-mistaqosija kienet hekk:

*Sur Sindku,*

*Jista s-Sindku jekk jghogbu jghati rendikont dettaljat finanzjarju ta' li spejjeż li saru f'dawn l-ahhar tlett xhur ghal kull attività li giet organizzata.*

*Qiegħed nirreferi prinċipalment ghall-*

*Halloween (Ottubru)*

*Ġimgha Santa Venera, ( Novembru)*

*Bethlehem f'Santa Venera (Diċembru)*

*Jista s-Sindku jinforma wkoll jekk il-kunsill ibbenefikax minn skemi tal-Gvern Ċentrali jew skemi ohra u jista' jghid liema kienu u l-benificju li ttiehed.*

*Nirringrazzjak tal-attenzjoni filwaqt li napprezza li jkolli tweġiba bil-miktub.*

Is-Sindku preżenta lis-Sur Vella rendikont tal-attivitajiet rikjesti kif ukoll tal-clean up day li saret din is-sena.

## 7 Performance Appraisal Aġent Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill qabel li jingħata l-performance bonus full għal Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 8 Performance Appraisal Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill qabel li jingħata l-performance bonus full lis-Segretarju Eżekuttiv

## 9 Performance Appraisal tal-istaff

Il-Kunsill qabel li l-istaff jingħata dawn il-bonuses:

Staff klerikali 1 – 5%

Staff klerikali 2 – 4%

Assistent Prinċipal – 6%

Is-Sindku semma li segretarju eżekuttiv introduċiet sistema ta' KPI sabiex l-istaff jimxi dejjem aktar il-quddiem.

## 10 Bord ta' Evalwazzjoni għas-sejħa ta' Assistent Prinċipal

Is-Sindku qal li wara sejħa interna kellna applikazzjoni waħda u għalhekk kien hemm il-bżonn li jinħatar bord għal intervista. Hu kien qed jissuġġerixxi li dan il-bord ikun magħmul minn:

- Karl Carabott – Kunsillier
- Duncan Hall
- Elaine Caruana

Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

## 11 Skema għal għaqdiet

Wara li fl-aħħar laqgħa kienet ittieħdet deċiżjoni li din l-iskema issir, is-segretarju eżekuttiv kienet preparat skema draft sabiex tiġi diskussa. Kien deċiż li din l-iskema titqassam b'email u tiġi diskussa iktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-18.30hrs  u laqgħa li jmiss ser issir fit-3 ta' Frar fil-1700 fil-binja tal-Kunsill lokali f'Santa Venera.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |